**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-06 ta' Ottubru, 2020**

**Talba numru: 504/2017 AM**

**Numru fuq il-Lista: 13.**

**Myra Castro Cagiwa K.I.109936A**

**2, Oxford Flats,**

**Triq Zamenthof,**

**Msida**

**Vs**

**David Von Brockdorff**

**11/4 Verdemare**

**Triq il-Wizna**

**Swieqi**

**u**

**Nick Von Brockdorff**

**61 Stella Maris Street**

**Sliema**

**u**

**Vanessa Axiack**

**Oakhill, Flat 31**

**Triq Scicluna**

**San Giljan**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba tal-attrici prezentat fil-31 ta' Ottubru 2017 li permezz tieghu talbet li l-konvenuti jigu ordnati jhallsuha s-somma ta' tlett elef tlett mija u hamsa u sebghin ewro u tletin centezmu (€3,375.30c) rapprezentanti (1) hlas ta' kontribuzzjonijiet shah ta' sigurta socjali ghal hamsa u sittin (65) gimgha, s-somma ta' erbgha u tletin ewro u tnejn u sittin centezmu (€34.62c) fil-gimgha li jammonta ghal elfejn mitejn u hamsin ewro u tletin centezmu (€2,250.30c), (2) is-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin ewro (€625) hlas in lieu ta' vacation leave waqt dan il-perjodu stmat ghal hamsa u ghoxrin (25) gurnata, u (3) is-somma ta' hames mitt ewro (€500) rapprezentanti parti mill-hlas ta' biljett tal-ajru ghal vjagg ta' ritorn lil Filippini bazat ghal perjodu ta' xoghol u fuq spiza kurrenti stmata ta' tmien mitt ewo (€800) li hija ta' hames mitt ewro (€500).

Ra r-risposta tal-intimati li permezz taghha eccepew (fol 11) li t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Ra li l-partijiet ddikjaraw li l-unika pendenza li fadal hija dwar it-tieni talba cioe' l-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin ewro (€625) hlas in lieu ta' vacation leave waqt dan il-perjodu stmat ghal hamsa u ghoxrin (25) gurnata.

Ra l-provi kollha prodotti.

Semgha x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni tal-avukati tal-istess partijiet.

Ikkonsidra

Li l-attrici kienet impjegata bhala *live in carer* mal-konvenuta Veronica Von Brockdorff u dan kif jirrizulta mill-kuntratt li jinsab a fol 25 liema kuntratt beda fis-sehh fl-04 ta' Gunju 2016 u jghid li l-attrici kienet impjegata bhala *full time carer* u baqghet tahdem, hija qabel

kienet tahdem bhala carer mar-ragel tal-istess Veronica Von Brockdorff sakemm miet fit-30 ta' April 2016. Wara hija giet offruta dan ix-xoghol ma' Veronica Von Brockdorff mit-tifel David Von Brockdorff u accettat. Veronica Von Brockdorff mietet fil-15 ta' April 2017 u tghid li baqghet *on call* sat-30 ta' April 2017. Hija tghid li matul dan il-perjodu hija qatt ma hadet gurnata leave u lanqas day off fil-festi pubblici.

Nicholas Von Brockdorff fl-affidait tieghu a fol 32 jispjega ghaliex hija mhix dovuta dan il-hlas ghal vacation leave li hija ma haditx u jikkontendi li dan ghaliex ommu kienet l-isptar mit-03 ta' Marzu sas-07 ta' Marzu 2017, mis-17 ta' Frar sad-19 ta' Frar 2017, u bejn is-16 ta' April u 30 ta' April 2017, meta mietet ommu hija ma hadmitx fit-18 u 20 ta' April u lanqas mil-24 sat-30 ta' April 2017 u kien biss fl-24 ta' April 2017 li hija marret biex tigbor l-affarijiet personali taghha u fit-30 ta' April 2017 gabet l-ahhar affarijiet taghha u thallset tmien mija u hamsin ewro (€850) ta' disat (9) ijiem. Fis-sajf hija hadet tlett (3) ijiem off mill-Gimgha sal-Hadd peress li kienet qed ticcelebra gheluq snin il-partner taghha Dennis Borg u fil-granet l-ohra hadet off biex taghmel il-qadi taghha. Dan gie korroborata minn Josephine Caruana fol 54 et li hija helper mal-familja Von Brockdorff ghal fuq minn tletin (30) sena.

Illi l-attrici bdiet tahdem full time fl-04 ta' Gunju 2016, li Veronica Von Brockdorff mietet fil-15 ta' April 2017 ghalkemm hija tghid li baqghet tahdem sat-30 ta' April 2017 stante li hija kienet on call. Hija qed tippretendi li ghandha tithallas ta' hamsa u ghoxrin gurnata (25) leave li baqghet ma haditx.

Ikkunsidra ulterjorment

Li l-iskop tal-vacation leave huwa sabiex il-haddiem jiehu l-mistrieh tieghu u mhux jithallas ghalih. Li l-attrici ma gabet ebda prova li hija applikat jew talbet sabiex tiehu l-vacation leave izda tali talba giet michuda mill-konvenuti jew minn minnhom, u li lanqas kien hemm xi arrangement bejn il-partijiet li dan il-leave jissarraf fi flus jekk l-attrici ma taghmilx uzu minnu.

Inoltre jigi rilevat ukoll li l-attrici kellha relazzjoni kontrattwali ma' Veronica Von Brockdorff u mhux mal-konvenuti l-ohra.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-tieni talba tal-attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**